MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 67/2014

**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**TREVOR BORG**

**JONATHAN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Trevor Borg ta' 31 sena, bin Saviour u Rita nee' Gatt, mwieled Pieta fl-1 ta' Ottubru 1983, residenti 57, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 508983M;

U

Jonathan Farrugia ta' 26 sena, bin Raymond u Mary Grace nee' Fava, mwieled Pieta' fis-17 ta' Mejju 1988, residenti 138, Joli, Flat 2, Triq il-Merzuq, Birzebbugia u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 239888M;

Talli fil-lejl ta' bejn il- 15 u s- 16 ta' Jannar 2014, gewwa garaxx fi Triq Don Alvaro de Sante, Mosta;

1) Bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq ghad-dannu ta' Brian Bartolo u/jer persuna/i ohra, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi accedew gewwa l-istess garaxx, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga acidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u li kieku sehh kien jikkwalifika bil-hin, bil-mezz u bil-valur izjed minn €2,329.37;

2) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'mezz ta' kull xorta volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor u cioe il-bieb tal-garaxx ghad-dannu ta' Brian Bartolo u/jew persuni/a ohra liema hsara hija izjed minn €1,164.69;

U lil Jonathan Farrugia wahdu;

3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, wara li gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricetazzjoni, gie misjub fil-pussess ta' flus jew ta' oggetti ohra li ma kinux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta kif kienu gew legittimament ghandu jew instabu ghoddod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u cioe, zewg turnaviti, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu ghandu f'dak iz-zmien;

4) Ukoll talli sar recidiv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma decizi u ma jistghu jigu mhasra jew mibdula;

Lil Trevor Borg wahdu talli;

5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lill-awtur u cioe Jonathan Farrugia tat-delitt tat-tentattiv tas-serq fl-atti li bhom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta’ bejn il-hmistax (15) u s-sittax (16) ta’ Jannar 2014 il-Pulizija kienet rceviet telefonata minn sorsi anonimi li x’aktarx kienet ser issir serqa fl-inhawi tal-Mosta, u li l-persuni li x’aktarx kienu ser iwettqu din is-serqa kienu qed jaghmlu uzu minn van Isuzu silver, numru tar-registrazzoni HHH 300. Ghaldaqstant l-Pulizija avvicinaw l-inhawi, fejn wara li giet innotata l-vettura b’zewg persuni ghaddejja diversi drabi minn Triq il-Kostituzzjoni, dahlet informazzjoni li jistghu qeghdin iwettqu s-serqa fi Triq Dun Alvaro De Sande. Ghalhekk il-Pulizija marret fuq il-post fejn hemmhekk kien hemm garaxx li kellu l-bieba tieghu illivata sewwa. Fuq il-post taht il-bieba tal-garaxx kien hemm l-imputat Jonathan Farrugia, fejn dan gie arrestat fuq il-post stess. Dak il-hin stess membri ohra tas-CID kienu arrestaw lil Trevor Borg li kien qieghed fit-triq kantuniera ma Triq Dun Alvaro De Sande. Gew moghtija d-drittijiet taghhom flimkien ma l-informazzjoni li huma kienu qeghdin arrestati minhabba din is-serqa u huma ghenu lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom. Ittiehdet stqarrija liz-zewg imputati, u sussegwentement huma tressqu b’arrest quddiem din il-Qorti biex iwiegbu ghal dawn l-akkuzi kontrihom.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputati kienu fil-fatt sgassaw il-garaxx imsemmi u ghamlu tentattiv ta’ serq tal-oggetti li kien hemm fih.

Huma nqabdu in flagrante delicto u ma taw ebda spjegazzjoni ghall-presenza taghhom hemm fuq ix-xena tad-delitt. Ghalkemm ghall-ewwel huma ma wiegbu ghal ebda domanda li saritilhom fit-tehid tal-istqarrija taghhom, huma wara ammettew l-involviment taghhom f’dan id-delitt. Il-provi l-ohra kollha tal-Prosekuzzjoni jikkorroboraw it-tezi tal-Pulizija b’mod li ma jhallu ebda dubju f’mohh din il-Qorti li kienu l-imputati li ttantaw iwettqu s-serqa mertu ta’ dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti qed issibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti, hlief ghall-addebitu tar-recidiva li ma gietx ippruvata skond il-ligi.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati u, ghalkemm mhix wahda netta, izda l-kundanni li hemm huma ftit u huma ta’ natura minima. Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputati ghandhom bzonn ta’ sorveljanza f’hajjithom, kif ukoll ghandhom bzonn ta’ deterrent serju fuqhom biex izommhom milli jwettqu reat iehor. Ghalhekk il-Qorti qed tikkonsidra taghti piena ta’ prigunerija, biex tirrefletti l-gravita’ tar-reat mertu ta’ din il-kawza, izda ser izzomm l-effett taghha milli tidhol fis-sehh bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Flimkien ma’ din il-piena l-Qorti qed tikkonsidra wkoll l-hrug ta’ ordni ta’ supervizjoni taht l-Artikolu 28G tal-Kap 9, biex is-sorveljanza fuqhom tkun minn zewg nahat, kemm bhala piena sospiza kif ukoll bhala assistenza diretta. Il-Qorti hi konxja li l-imputati jistghu jqisu dan il-provvediment fil-konfront taghhom bhala piena hafifa, izda l-Qorti twissihom bl-aktar mod sever illi din hi l-ahhar opportunita’ biex huma jaqbdu triq ohra minnflok

dik ta’ serq u attivita’ kriminali ohra. It-twettiq ta’ reat iehor, zghir kemm hu zghir, mill-imputati ser igib mieghu l-piena idoneja u mill-aktar severa, u ta’ dak ikunu jahtu l-imputati biss. Madankollu, il-Qorti temmen li l-imputati ser jiehdu din l-ahhar opportunita’ u jimxu fit-triq tas-sewwa, taht il-gwida tal-ufficjali tal-probation.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l- Artikoli 261(b)(c), 261(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278, 279(b), 280, 41(1)(A, 533, 17, 31, 325(1)(a), 287, 49, 50, 289, 42(d), 43 u 46 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati hatja, u ghaldaqstant tikkundannahom ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin, taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------